# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

17.6.2008 B6-0307/2008

# PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI

skond l-Artikolu 99 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Joseph Daul, f'isem il-Grupp PPE-DE
minn Martin Schulz, f'isem il-Grupp PSE
minn Graham Watson, f'isem il-Grupp ALDE
minn Brian Crowley, f'isem il-Grupp UEN
minn Irena Belohorská

li tapprova l-ħatra tas-Sur Antonio Tajani bħala Membru tal-Kummissjoni

**B6-0307/2008**

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tapprova l-ħatra tas-Sur Antonio Tajani bħala Membru tal-Kummissjoni**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 214(2), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 215 tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 4 tal-Ftehima ta' Qafas bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra r-riżenja tas-Sur Franco Frattini bħala Membru tal-Kummissjoni Ewropea, imressqa fis-7 ta' Mejju 2008,

– wara li kkunsidra n-nomina fit-8 ta' Mejju 2008, mill-Gvern tar-Repubblika Taljana, tas-Sur Antonio Tajani biex jinħatar bħala Membru tal-Kummissjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2008/380/KE, Euratom tal-Kunsill tad-9 ta' Mejju 2008 dwar il-ħatra ta' membru ġdid tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej[2],

– wara li kkunsidra s-seduta ta' smigħ tal-Kummissarju nnominat quddiem il-kumitat parlamentari responsabbli li saret fis-16 ta' Ġunju 2008,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 99 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Japprova l-ħatra tas-Sur Antonio Tajani bħala Membru tal-Kummissjoni għall-bqija tal-mandat tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2009;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

---

[1] ĠU C 117 E, 18.5.2006, p. 123.
[2] ĠU L 131, 21.5.2008, p. 6.